SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

### Laqgħa Nru. 52/K8/18

Data tal-laqgħa: 08 ta' Novembru 2018

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-4.30 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Dott. Albert Buttigieg – Viċi-Sindku
Martin John Sultana – Kunsillier
John Agius - Kunsillier
Clayton Luke Mula – Kunsillier
Adrian Domenic Ellul - Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera
Edgar Montanaro – Kunsillier
Clayton Tanti Gregoraci - Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1)) – (0)**

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Assistant Principal

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

Is-Sindku Guido Dalli ppresieda l-laqgħa.

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**52.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

52.1.01 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji

**52.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

52.2.01 Iċ-Ċermen ressaq Minuti 51/K8/18 għall-approvazzjoni.

52.2.02 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli pproponiet l-approvazzjoni tal-Minuti 51/K8/18.

52.2.03 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ssekondaha fl-approvazzjoni ta' Minuti 51/K8/18.

52.2.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti mqajjma mill-Minuti**

52.2.05 Saret riferenza għall-ATM li għandha ssir ġewwa Ta' Ġiorni. It-tender inħareġ u għandu jingħata perjodu ta' xahar mid-data ta' meta jkun ħareġ il-permess.

52.2.06 Saret riferenza għall-bust ta' Ġużè Tanti, fejn il-Kunsill ġie nfurmat li sal-aħħar tax-xahar l-monument għandu jkun lest.

52.2.07 Saret riferenza għall-kwotazzjoni tan-Neptunes Waterpolo, fejn il-Kunsill ġie nfurmat dwar it-talba li qed jagħmel in-Neptunes Waterpolo Club sabiex nidħlu fi proġett magħhom permezz tal-fondi tal-iżvilupp. Il-Kunsill qabel bil-kundizzjoni, li l-fondi ta' żewġ miljuni li jittieħdu mill-fond oriġinali tal-Kunsill ikunu disponibbli.

52.2.08 Il-Kunsillier Martin John Sultana wasal fil-4.45p.m.

52.2.09 Għandha terġa tiġi reattivita' t-talba għad-devoluzzjoni tal-Kumpless ta' Dun Anton Sciberras.

**52.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

52.3.01 Appell tal-ITS – il-Kunsill għandu kopja tal-appell fl-uffiċċju amministrattiv u kull min irid jista' jiġi jarah.

52.3.02 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li bħalissa bdew ix-xogħolijiet ħdejn il-car park tal-Knisja.

52.3.03 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li hemm bżonn li jsir l-hedging tal-ta' mal-promenade, ħa jinġabru kwotazzjonijiet u jiġu ordnati l-pjanti biex jitħawlu fil-bidu ta' Diċembru.

**52.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

52.4.01 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg qajjem il-punt dwar id-Dar ta' l-Anzjani kif ukoll il-laqgħa li kien hemm mal-Onor. Silvio Parnis fejn qalilna biex nagħmlu talba għad-devoluzzjoni. Id-devoluzzjoni setgħet issir biss għall-parti li jikkonċerna l-uffiċċju tal-Kunsill fl-istess binja iżda mhux għall-parkeġġ u d-*Day Care Centre*. Għalhekk kien hemm qbil li terġa' tintbagħat ittra lill-Onor. Silvio Parnis u ssir referenza għal din il-korrispondenza.

52.4.02 Il-Kunsillier Martin John Sultana talab li jerġgħu jinżebgħu s-sinjali ta' Triq Bertha K. Ilg u jiġu rranġati l-kaxxi tal-parkeġġ ta' Triq Jean Houel biex isiru f'form ta' *fishbones*. Huwa talab ukoll li jerġgħu jduru d-*double yellow lines* ta' Triq Dobbie, Triq Ross u Triq Elija Zammit.

52.4.03 Saret referenza għall-*white paper* li qed issir fir-rigward tar-Riforma tal-Kunsilli Lokali. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ssir laqgħa nhar il-Ħamis 22 ta' Novembru 2018 fl-4.30p.m u għandha tintbagħat kopja tal-*white paper* lill-Kunsilliera.

**52.5 Attivitajiet tal-Milied;**

52.05.01 Din is-sena ser jerġgħu jsiru t-tiżjin tal-Milied madwar il-*promenade*. Il-Kunsill ġie nfurmat li ser issir laqgħa mal-kuntrattur tad-dawl sabiex jiġi diskuss l-armar għall-Milied.

52.05.02 Ser jingħataw *hampers* għal żmien il-Milied, dawn jingħataw lill-Kappillan sabiex jingħataw lill-familji fil-bżonn.

52.05.03 L-ikla tal-Kunsill ser issir nhar il-Ġimgħa 4 ta' Jannar 2019. Il-post fejn ser issir l-ikla jingħata aktar tard.

**52.6 Talbiet żgħar;**

**52.6.01 Email mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar Ċirk AKL 2018/124 – Jum Dinji ta' Tfal (Inc. 7170/18)**

52.6.01.01 Saret riferenza għall-email mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar Ċirk AKL 2018/124 – Jum Dinji ta' Tfal. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li s-Segretarju kellu jikkuntatja lill-Kap tal-Iskola Primarja ta' San Ġiljan biex norganizzaw attivita' flimkien.

**52.6.02 Email mingħand Dr Maya Brikworth dwar *dog park* (Inc. 7782/18);**

52.6.02.01 Saret riferenza għall-email mingħand Dr Maya Brikworth dwar *dog park*. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din ma tistax issir minħabba li l-art hija privata.

**52.6.03 Email mingħand Dr. Danilo Crastolla dwar Transnational actions for integration of third country nationals in the EU Member States and supporting legal migration (Inc. 7512/18)**

52.6.03.01 Saret riferenza għall-email mingħand Dr Danilo Crastolla dwar Transnational actions for integration of third country nationals in the EU Member States and supporting legal migration. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill huwa nteressat li japplika.

**52.6.04 Email mingħand is-Sinjura Rachel Abela dwar Premju Soċjeta Ġusta 2018. (Inc. 7651/18)**

51.6.04.01 Saret referenza għall-email mingħand is-Sinjura Rachel Abela dwar Premju Soċjetá Ġusta 2018. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li napplikaw fejn għaliha għandu jiġi ssuġġerit persuna.

**52.6.05 Email mingħand ir-Reġjun Ċentru dwar talba għall-bilanċi (Inc. 7656/18);**

51.6.05.01 Il-Kunsill ġie nfurmat b'email mingħand ir-Reġjun Ċentru dwar talba għall-bilanċi.

**52.6.06 Email mingħand is-Sur John Camilleri dwar Book-Encounters with Valletta (Inc. 7787/18);**

52.6.06.01 Saret referenza għall-email mingħand is-Sur John Camilleri dwar Book-Encounters with Valletta. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill jixtri tlett volumi.

**52.6.07 Ittra mingħand l-Avukat Joseph Sammut dwar Laqgħa mal-Membri tal-Kunsill (Inc. 7684/18);**

52.6.07.01 Saret referenza għall-ittra mingħand l-Avukat Joseph Sammut dwar Laqgħa mal-Membri tal-Kunsill. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li nerġgħu nistidnuh għal-laqgħa li jmiss.

**52.6.08 Ittra mingħand il-Millenium Chapel dwar żieda fl-*allowance* tal-*cleaners* (Inc. 7781/18);**

52.6.08.01 Saret referenza għall-ittra mingħand il-Millenium Chapel dwar żieda fl-*allowance* tal-*cleaners*. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ser ikun qiegħed jagħti €250 fix-xahar.

**52.6.09 Email mingħand il-Gvern Lokali dwar Ċirkulari Numru SPI 12/2018 – Skema Finanzjarju favur il-Komunita' – Ħajja aħjar b'eżerċizzju fiżiku u sports. (Inc. 7812/18)**

52.6.09.01 Saret referenza għall-email mingħand il-Gvern Lokali dwar Ċirkulari Numru SPI 12/2018 – Skema Finanzjarju favur il-Komunita' – Ħajja aħjar b'eżerċizzju fiżiku u sport. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ser jieħu ħsiebha l-Kunsillier Adrian Domenic Ellul.

**52.6.10 Email mingħand is-Sinjura Elena Borg Costanzi dwar Traffic improvement ġewwa Bay Junction (Inc. 7776/18)**

Saret referenza għall-email mingħand is-Sinjura Elena Borg Costanzi dwar Traffic improvement ġewwa Bay Junction. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ser ikun qiegħed joġġezzjona.

**52.6.11 Email mingħand is-Sur Anthony Sammut dwar applikazzjoni għall-permess (Inc. 7837/18)**

52.6.11.01 Saret referenza għall-email mingħand is-Sur Anthony Sammut dwar applikazzjoni għall-permess. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

52.6.12 Saret referenza għall-ittra mingħand Spinola Band Club biex norganizaw attivita' flimkien għall-Milied, il-Kunsill qabel li jagħmel *budget* ta' €1,000.

56.6.13 Saret referenza għat-tender tal-*parks and gardens* u tas-*soft areas* fejn fihom applika fiż-żewġ tenders Progressive Solutions Limited li huwa l-istess persuna li jmexxi WM Environment Limited li kien il-kuntrattur li waqqafnilu l-kuntratt. Wara parir legali ġejna mħeġġin biex nirrifjutaw dawn iż-żewġ offerti u nagħżlu l-irħas offerta. L-Avukat infurmana wkoll li jekk umbagħad issir oġġezzjoni jew każ il-qorti għandna niddefendu ruħna bl-istess argument. It-tender tal-*parks and gardens* ser jingħata lill-Galea Cleaning Solutions Limited li kienet l-irħas offerta filwaqt li dak tas-*soft areas* ser jingħata lill-Galea Cleaning Solutions Limited li kien l-unika offerent.

56.6.14 Saret referenza għall-email mingħand is-Sinjura Jeannette Galea dwar European Citizens, jekk il-Kunsill huwiex interessat li

japplika. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill japplika għaliha.

56.6.15 L-appell tal-ITS ser isir fl-20 ta' Novembru 2018, fejn għalih kellu jattendi l-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg.

56.6.16 Sar appell dwar l-*farmhouse* li saret ġewwa Triq Mikiel Anġ Borg minħabba li kien hemm applikazzjoni li din ser issir *guesthouse.*

56.6.17 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli resqet talba sabiex ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill isir basket sabiex jinġabar l-ikel għall-animali. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

56.6.18 Saret referenza għall-email mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar ftehim dwar kuntratt ġdid tax-xogħol għall-ħaddiema tal-IPSL. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li niffirmawh.

**51.07 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat Amministrattiv;**

51.07.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 45/KA2/18 għall-approvazzjoni. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**52.08 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;**

52.08.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'A')

52.08.02 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

52.08.03 Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoraci ssekondaħ.

52.08.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**52.09 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

52.09.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 4554 sa 4564. (Ara Appendiċi 'B')

52.09.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**51.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

51.10.01 Il-laqgħa li jmiss ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 07 ta’ Diċembru 2018 fl-4.30p.m.

51.10.02 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data:** 07 ta’ Diċembru 2018